130 - 195	25 - 80	R 10 R 11 R 12 R 13 R 14
135 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	R 15
145 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
155 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
165 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
175 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
185 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
195 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
205 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75	
215 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70	
225 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65	
235 /	25 30 35 40 45 50 55 60	
245 /	25 30 35 40 45 50 55	
155 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	R 16
165 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
175 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
185 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
195 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75 80	
205 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70	
215 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65	
225 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65	
235 /	25 30 35 40 45 50 55 60	
245 /	25 30 35 40 45 50	
185 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70 75	R 17
195 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65 70	
205 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65	
215 /	25 30 35 40 45 50 55 60 65	
225 /	25 30 35 40 45 50 55 60	
235 /	25 30 35 40 45 50 55	
245 /	25 30 35 40 45 50	
255 /	25 30 35 40 45	
265 /	25 30 35 40	
275 /	25 30 35	
285 /	25 30 35	

205 /	25 30 35 40 45 50 55 60	R 18
215 /	25 30 35 40 45 50 55 60	
225 /	25 30 35 40 45 50 55 60	
235 /	25 30 35 40 45 50	
245 /	25 30 35 40 45	
255 /	25 30 35 40 45	
265 /	25 30 35 40	R 19
275 /	25 30 35	
285 /	25 30 35	
295 /	25 30	
215 /	25 30 35 40 45 50 55	
225 /	25 30 35 40 45 50 55	
235 /	25 30 35 40 45 50	
245 /	25 30 35 40 45	
255 /	25 30 35 40	R 20
265 /	25 30 35	
275 /	25 30 35	
225 /	25 30 35 40 45	
235 /	25 30 35 40 45	
245 /	25 30 35 40	
255 /	25 30 35	
265 /	25 30 35	

205	55	R 16



1.611-035.1 É Continental AG (2016)

MT Istruzzjonijiet tal-Operat ta' ContiMobilityKit

SIGURTÀ TWISSIJA

Aqra dawn l-istruzzjonijiet u t-twissijiet b'attenzjoni qabel tuża l-ContiMobilityKit!

Il-konformità ma' dawn l-istruzzjonijiet hi vitali biex tiżgura s-sigurezza tal-vettura. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-istruzzjonijiet ifisser riskju ta' ħsara lit-tyre, li tista' taffettwa l-immaniġġjar tal-vettura u twassal għat-telf tal-kontroll tal-vettura. Dan jista' jirriżulta f'korriment serju jew mewt. Informa lill-utenti l-oħrajn kollha tal-vettura jekk l-oġġetti standard biex jissewwa puncture (eż. spare tyre) ikunu ġew sostitwiti bil ContiMobilityKit.

Introduzzjoni

Il-ContiMobilityKit jissiġilla ħafna mit-tyre punctures biex ireġġa' lura temporanjament il-mobilità. L-użu hu rakkomandat biss għat-tyres tal-karozzi tal-passiġġieri murija fit-tabella u pressjoni tal-arja tat-tyres sa 300 kPa (3 bar, 43 psi). Is-sistema tikkonsisti minn kompressur u sealant, u sservi biex b'mod effettiv u konvenjenti tissiġilla punctures fit-tyres tal-karozzi kkawżati, pereżempju, minn imsiemer jew oġġetti simili oħrajn b'dijametru sa ¼" (6 mm).

Skont it-tip u l-ammont ta' ħsara fit-tyre, xi tyres jistgħu jiġu ssiġillati parzjalment biss jew ma jiġux issiġillati. Telf ta' pressjoni fit-tyre jista' jaffettwa l-immaniġġjar tal-vettura, li jwassal għat-telf ta' kontroll tal-vettura.

Osserva r-regoli li ġejjin meta tuża l-ContiMobilityKit:

- **Suq b'attenzjoni u evita li tagħmel manuvri tal-isteering jew tas-sewqan f'daqqa**, speċjalment jekk il-vettura tkun mgħobbija ħafna jew jekk qed tirmonka trailer.
- Is-sistema se tipprovdilek tiswija temporanja ta' emerġenza, li tippermettilek sabiex tkompli l-vjaġġ tiegħek sal-eqreb aġent tal-vetturi jew tat-tyres, jew li ssuq **distanza massima ta' 200 km (125 mil).**
- Taqbiżx veloċità massima ta' 80 km/h (50 mph).
- Aħżen il-ContiMobilityKit b'mod sigur u poġġih fil-bagoll tal-vettura. Li taħżnu x'imkien ieħor fil-kompartiment tal-passiġġieri mhuwiex rakkomandabbli billi jista' tolqot xi okkupant f'każ ta' waqfien f'daqqa jew ħabta, u jista' tikkawża korriment.
- Żomm fejn ContiMobilityKit fejn ma jintlaħaqx mit-tfal

Dawn l-istruzzjonijiet jipprovdu spjegazzjoni pass pass ta' kif tuża l-ContiMobilityKit biex issewwi temporanjament tyre puncture. Jekk jogħġbok aqra s-sezzjoni dwar "Kif tipproċedi f'każ ta' tyre puncture".

TWISSIJA Tużax il-ContiMobilityKit jekk it-tyre ikun diġà sariti-lu ħsara minħabba li t-tyre ikun instaq meta ma kienx minfuħ biżżejjed. Tippruvax tissiġilla ħsara oħra ħlief dik li tkun viżibbli fit-tread tat-tyre. Tippruvax tissiġilla ħsara fil-ġenb tat-tyre.

Istruzzjonijiet dwar kif tuża l-ContiMobilityKit b'mod sigur

- Uża l-prodott mat-tyres oriġinali tal-vettura biss.
- Uża l-ContiMobilityKit ma' tubeless tires biss.
- Jekk jintuża għal affarijiet oħrajn ħlief għall-iskop intenzjonat tiegħu, il-ContiMobilityKit jista' jikkawża inċident jew korriment serju minħabba l-fatt li l-arja kkompressata tista' taġixxi bħala esplożiv jew propellant.
- Ipparkja l-vettura tiegħek fil-ġenb tat-triq biex ma tfixkilx il-fluss tat-traffiku u tkun tista' tuża l-ContiMobilityKit mingħajr ma tkun fil-periklu.
- Iġbed il-hand brake, anki jekk tkun ipparkjajt fuq triq lixxa, sabiex tassigura li l-vettura ma tiċċaqlaqx.
- Tippruvax tneħħi oġġetti bħal imsiemer jew viti li jkunu ppenetraw it-tyre. Ħallihom kif ikunu.
- Ħalli l-magna mixgħula waqt li l-ContiMobilityKit ikun qed jintuża, iżda itfiha jekk il-vettura tkun f'żona magħluqa jew f'żona mbux ivventilata tajjeb.
- Qatt tħalli l-ContiMobilityKit waħdu waqt li tkun qed tużah.
- Tħallix il-kompressur jaħdem għal aktar minn 10 minuti, għax inkella jkun hemm riskju li jisħon iżżejjed.
- Ibdel il-flixkun tas-sealant ma' wieħed ġdid qabel tasal id-data ta' skadenza (ara t-tikketta tal-flixkun). F'każ li s-sealant ikun skada, il-funzjonalità ma tistax tiġi ggarantita b'mod sħiħ. Uża biss fliexken oriġinali tal-ContiMobilityKit li huma reżistenti għall-pressjoni.
- Informazzjoni teknika għall-kit tinsab fil-manwal.

Kif tipproċedi f'każ ta' puncture fit-tyre

Tista' temporanjament issewwi puncture fit-tyre f'żewġ passi.

L-ewwel ippompja t-tyre sealant u l-arja fit-tyre (ara Pass 1). Immedjatament wara, suq għal distanza qasira (3-10 km/2-6 mili) sabiex tiddistribwixxi s-sealant fit-tyre. Wara, iċċekkja l-pressjoni tat-tyre u jekk ikun bżonn, ippompja aktar ajra fit-tyre (ara Pass 2). Imbagħad tkun tista' tipproċedi biex issuq b'attenzjoni għal distanza massima ta' 200 km (120 mil) u b'veloċità massima ta' 80 km/h (50 mph).

Informa lill-utenti l-oħrajn kollha tal-vettura li t-tyre ġie temporanjament issiġillat bil-ContiMobilityKit u aġħmilhom konxji tal-kundizzjonijiet speċjali tas-sewqan li għandhom jiġu osservati.

Pass 1: Kif tippompja t-tyre sealant u l-arja fit-tyre

1 Qaxxar id-decal li juri l-veloċità massima permissibbli (80 km/h | 50 mph) mill-casing u waħħlu fit-tarf tal-windscreen kif qed jintwera fuq l-istampa.

2 Oħroġ il-hose u l-power plug bil-cable mill-ContiMobilityKit casing. Ħoll l-għatu oranġjo tal-konnettur tal-flixkun.

3 Ħoll l-għatu aħmar tal-flixkun tas-sealant.

ATTENZJONI Ħalli s-siġill tal-flixkun intatt. Jekk twaħħal il-flixkun fuq il-bottle holder, dan se jtaqqab is-siġill tal-flixkun. Evita kuntatt tal-ġilda mas-sealant li fih latex ta' lastku naturali. M'għandekx tiftaħ il-pressure "air release" valve. Uża l-ingwanti protettivi li hemm mal-prodott.

4 Waħħal il-flixkun billi ddawwar b'mod sod lejn il-lemin kontra r-reżistenza żgħira tan-notches fuq is-sealing gasket tal-konnettur tal-flixkun sakemm ikun imwaħħal tajjeb.

5 Neħħi l-għatu tal-valve minn fuq it-tyre bil-ħsara. Iġbed l-għatu protettiv mit-tarf tal-hose u waħħal il-hose b'mod sod fuq il-valve tat-tyre bil-ħsara. Kun żgur li s-switch tal-kompressur ikun fuq "0" u l-pressure "air release" valve kun magħluq.

6 Daħħal il-power plug fis-cigarette lighter socket (12 volt connection, ara l-manwal tas-sid tal-vettura).

7 Startja l-magna (iżda biss jekk il-vettura tkun barra jew f'żona b'ventilazzjoni tajba).

TWISSIJA Tista' isseħħ asfissija jekk il-magna titħalla mqabbda f'żona bla ventilazzjoni jew b'ventilazzjoni batuta (eż., f'xi bini)!

8 Afgħas is-switch tal-kompressur fuq "I".

Importanti: Meta tippompja s-sealant minn ġot-tyre valve, il-pressjoni tista' titla' sa 500 kPa (5 bar, 73 psi) iżda se tonqos mill-ġdid wara madwar 30 sekonda.

TWISSIJA Iċċekkja l-ġenb tat-tyre qabel tonfħu. Jekk ikun hemm kwalunkwe xquq, ħotob jew ħsara simili, tippruvax tonfoħ it-tyre. Toqgħodx direttament qrib it-tyre waqt li l-kompressur ikun qed jippompja. Oqgħod attent għall-ġenb tat-tyre. Jekk jidhru xi xquq, ħotob jew ħsara simili, itfi l-kompressur u ħalli l-arja toħroġ permezz tal-pressure release valve.
F'dan il-każ, tibqax tuża t-tyre!

9 Onfoħ it-tyre f'madwar 10 minuti sakemm ikun hemm pressjoni ta' mill-inqas 180 kPa, (1.8 bar, 26 psi) u massimu ta' 300 kPa (3 bar, 43 psi).

10 Itfi l-kompressur għal ftit ħin sabiex taqra l-pressjoni attwali tat-tyre minn fuq il-presure gauge.

TWISSIJA Jekk il-pressjoni tat-tyre ma tilħaqx 180 kPa (1.8 bar, 26 psi) fi żmien 10 minuti, it-tyre jista' jkun sofra ħsara eċċessiva, u dan jagħmel tiswija temporanja impossibbli.
F'dan il-każ, tibqax tuża t-tyre!

11 12 Ġaladarba l-pressjoni tkun intlaħqet pressjoni tat-tyre ta' mill-inqas 180 kPa (1.8 bar, 26 psi):

- Poġġi s-switch tal-kompressur fuq "0".
- Aqla' l-power plug mis-cigarette lighter socket.
- Ħoll malajr il-hose mit-tyre valve u poġġi lura f'postu l-għatu protettiv tal-hose.
- Ħalli l-flixkun fil-holder. Dan jevita tnixxija mhux mistennija ta' residwu tas-sealant.
- Kun żgur li l-ContiMobilityKit, l-għatu tal-flixkun u l-għatu oranġjo, jkunu maħżuna b'mod sigur, iżda jkunu aċċessibbli faċilment fil-vettura.

Se jkollok bżonn il-kit mill-ġdid meta tiċċekkja l-pressjoni tat-tyre.

13 14 Immedjatament startja l-vettura u suq għal madwar 3-10 km (2-6 mili) sabiex is-sealant jkun jista' jissiġilla ż-żona li jkun fiha l-ħsara. Issuqx għal aktar minn 10 minuti u b'veloċità ta' mhux aktar minn 80 km/h (50 mph) (osserva d-decal li jindika l-veloċità massima permissibbli).

TWISSIJA Jekk ikun hemm ħafna vibrazzjonijiet, l-isteering isir instabbli jew tisma' l- ħsejjes waqt li tkun qed issuq, naqqas il-veloċità u suq b'attenzjoni għal post fejn ma jkunx hemm periklu għalik biex twaqqaf il-vettura. Iċċekkja mill-ġdid it-tyre u l-pressjoni tiegħu. Jekk il-pressjoni tat-tyre tkun inqas minn 130 kPa (1.3 bar, 19 psi) jew jekk ikun hemm xi xquq jew ħotob viżibbli jew ħsara simili fuq il-ġenb tat-tyre, **tibqax tuża t-tyre!**

Pass 2: Kif tiċċekkja l-pressjoni tat-tyre

15 Waqqaf il-vettura wara li tkun soqt għal madwar 3-10 km (2-6 mili). Iċċekkja u, fejn ikun meħtieġ, aġġusta l-pressjoni tat-tyre bil-ħsara. Neħħi l-għatu protettiv mit-tarf tal-hose. Orbot il-hose b'mod sod fuq il-valve tat-tyre bil-ħsara.

16 Aqra l-pressjoni tat-tyre mill-pressure gauge.

Jekk il-pressjoni tat-tyre mimli bis-sealant tkun ta' 130 kPa (1.3 bar, 19 psi) jew aktar, dan irid jiġi aġġustat għall-pressjoni speċifikata għall-vettura tiegħek (ara l-placard tal-vettura).

TWISSIJA Jekk meta tiċċekkja t-tyre tara li l-pressjoni tat-tyre mimli bis-sealant tkun ta' inqas minn 130 kPa (1.3 bar, 19 psi) jew jekk ikun hemm kwalunkwe xquq jew ħotob viżibbli, jew ħsara fil-ġenb tat-tyre, ma tridx tibqa' tuża dak it-tyre.

- Kun żgur li s-switch tal-kompressur ikun mitfi (ikun fuq "0").
- Daħħal il-power plug fis-cigarette lighter socket.
- Startja l-magna (iżda biss jekk il-vettura tkun barra jew f'żona b'ventilazzjoni tajba).

TWISSIJA Tista' isseħħ asfissija jekk il-magna titħalla mqabbda f'żona bla ventilazzjoni jew b'ventilazzjoni batuta (eż., f'xi bini)!

17 18 Ixgħel il-kompressur (poġġi s-switch fuq "I") u ppompja t-tyre sal-pressjoni speċifikata tat-tyre f'ħin massimu ta' 10 minuti.

DC 10 – 15 V	
≤ 10 A	
≤ 700 kPa	
150 mm x 130 mm x 60 mm	
650 g	

450 ml	
Ø 87 mm x 125 mm	
585 g	

- Itfi l-kompressur u vverifika l-pressjoni tat-tyre mill-ġdid. Jekk il-pressjoni tat-tyre tkun għolja wisq, naqqas il-pressjoni tat-tyre għall-pressjoni speċifikata billi tuża l-pressure release valve.
- Il-bqija tas-sealant li jkun fadal fil-hose jista' jnixxi meta tiftaħ il-pressure "air release" valve jew tneħħi l-għatu protettiv tal-hose. Jekk jogħġbok uża l-ingwanti protettivi li hemm mal-prodott.
- Ġaladarba tonfoħ it-tyre għall-pressjoni korretta tiegħu, itfi l-kompressur, aqla' l-plug minn ġos-socket, ħoll il-hose, issikka l-għatu tat-tyre valve u poġġi lura f'postu l-għatu protettiv tal-hose.
- Ħalli l-flixkun fil-holder u aħżen il-ContiMobilityKit b'mod sigur fil-bagoll tal-vettura.

TWISSIJA Wara li tuża s-sealant, tista' ssuq b'veloċità ta' mhux aktar minn 80 km/h (50 mph), u t-tyre bil-ħsara għandu jinbidel kemm jista' jkun malajr (f'distanza massima ta' sewqan ta' 200 km (120 mil)). Ma tridx tkompli issuq jekk ikun hemm ħafna vibrazzjonijiet, l-isteering isir instabbli jew tisma' l-ħsejjes waqt li tkun qed issuq.

19 20 Suq sa l-eqreb workshop biex tneħħi t-tyre bil-ħsara mill-karozza. Qabel it-tyre jitneħħa minn mar-rim, informa lill-aġent tiegħek tat-tyres, li l-tyre fih is-sealant. Depożiti tas-sealant f'hose użat jistgħu jfixklu l-funzjoni normali tal-ContiMobilityKit. Jeħtieġ li kemm il-flixkun tas-sealant kif ukoll il-hose, jinbidlu flimkien wara l-użu tal-ContiMobilityKit.

ATTENZJONI Ftakar li emergency roadside tire repair kits jipprovdu biss mobilità temporanja. Regolamenti dwar it-tiswija tat-tyres wara l-użu tal-ContiMobilityKit jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Għandek tikkonsulta speċjalista tat-tyres għal parir.

TWISSIJA Qabel issuq, kun żgur li it-tyre ikun aġġustat għall-pressjoni rakkomandata kif indikat fuq il-placard tal-vettura. Immonitorja l-pressjoni tat-tyre sakemm it-tyre issiġillat jinbidel. Ipproċedi kif deskritt hawn fuq minn punt 15 'il quddiem.

Sealant ġdid u spare parts jistgħu jinxtraw mill-ħanut tat-tiswija jew mingħand l-aġent awtorizzat tiegħek. Il-fliexken tas-sealant jistgħu jintremew mal-iskart domestiku.

Aktar informazzjoni (eż., E-Manual, How-to-use Video, Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE) tinsab fuq il-Continental Homepage - www.continental-mobility.com